**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR. IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-4 ta' Lulju 2022**

**Rikors Numru : 577/2021 JPG**
**Kawza Numru : 18**

**CB**
**vs**
**JB**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat ta' CB, detentur tal-karta ta' l-identita numru 21376(M)), data 25 ta' Novembru 2021, a fol 1 et seqq li jaqra hekk:

1. *Illi huwa zzewweg lil JB permezz ta' cerimonja religjuza celebrata fil-knisja ta' Santa Marija Hal Ghaxaq nhar l-erbatax (14) ta' Ottubru tas-sena elfejn (2000), certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat Dok A;*

2. *Illi minn dan iz-zwieg l-partijiet ma kellhomx tfal;*

3. *Illi l-partijiet kienu sseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali datat tnejn (2) ta' Mejju, tas-sena elfejn u tnax (2012), liema kopja qed jigi hawn anness u mmarkat Dok B;*

4. *Illi ma hemm ebda pendenza ta' manteniment bejn il-partijiet;*

5. *Illi skond l-emendi l-godda fil-Kodici Civili maghmula mill-Att XXV tal-elfejn u wiehed u ghoxrin (2021), senjatament fl-artikolu 66B, il-partijiet huma separati bil-kuntratt ta' separazzjoni fuq imsemmi u ma hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom, u ghaldaqstant jikkonkorru il-kriterji kollha rikjesti mil-ligi ghall-hall taz-zwieg tal-partijiet CB u JB skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

6. *Illi anness ma' dan ir-rikors hawn ukoll affidavit tar-rikorrent CB (Dok C) liema affidavit jikkonferma li m'hemm ebda' tama ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.*

*Illi ghalhekk ir-rikorrent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti, joghgobha:*

I. *TIDDIKJARA z-zwieg tar-rikorrent CB minn ma' JB mahlul, u li konsegwentement il-partijiet huma divorzjati ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi,*

II. *TORDNA lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien mholli ghal daqshekk minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet, biex dan ikun hekk registrat fir-Registru Pubbliku;*

*U dan taht kull provvediment iehor li din l-Onorabbli Qorti jidrilha li jkun xieraq u opportun fic-cirkostanzi.*

*Bl-ispejjez karigu tal-esponenti f'sehem indaqs bejniethom.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat in-nota tal-attur datata 25 ta' Novembru 2021;

Rat illi l-intimata debitament notifikata permezz tal-affissjoni u pubblikazzjoni, ma ppresentat ebda risposta u ma dehritx. Ghaldaqstant hija kontumaci;

Rat il-fakolta moghtija lill-intimata sabiex tippresenta s-sottomissjonijiet taghha ai termini tal-Art 158 (10) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, izda din baqghet inadempjenti; (vide fol 48);

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**CB xehed** (vide affidavit fol 14) illi l-partijiet zzewgu nhar ll-14 ta' Ottubru 2000, u li minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal. Sostna illi filfatt dan iz-zwieg ma rnexxiex u l-partijiet sseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Dr Annalisa Caruana nhar it-2 ta' Mejju 2012. Iddikjara illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni. Di piu' ikkonferma illi ma hemm ebda manteniment dovut bejniethom u llum jghixu hajja totalment separata minn xulxin.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***

***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar l-14 ta' Ottubru 2000, liema zwieg jgib certifikat numru 1834/2000 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 3). Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali fl-atti tan-Nutar Dr Annalisa Caruana nhar it-2 ta' Mejju 2012 (vide kuntratt ta'

separazzjoni fol 6 et seqq). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Di piu', il-Qorti ma taghraf illi hemm ebda eccezzjoni li ghandha tqanqal ex-officio u dana fid-dawl tal-kontumacja tal-intimata;

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhu jissodisfa r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 1834/2000 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**